**Qed tieħu ħsieb xi ħadd fid-dar?**

Li tieħu ħsieb persuna anzjana fraġli jew persuna b'diżabbilta' jista' jkun diffiċli ħafna, u kultant jista' jkollok bżonn tal-mistrieħ. Jekk qed tieħu ħsieb xi ħadd li għandu diżabbilta' jew mard mentali jew kroniku li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu/tagħha innifisha, tista' tkun eliġibbli għal servizz ta' HACC. Dan is-servizz jissejjaħ Respite (Serħan għal Min Jieħu Ħsieb xi Hadd)

Respite jista' jagħtik brejk waqt li ħaddiema mħarrġa jieħdu ħsieb il-persuna li int tieħu ħsieb jew fid-dar tagħha jew billi jeħduha għal ħarġa. F'ħafna mill-każi respite jkun ippjanat minn qabel, imma jista' jkun ipprovdut bħala servizz ta' emerġenza.

Tista' tikseb informazzjoni u sapport biex jgħinuk issib akkomodazzjoni ta' respite residenzjali temporanja jekk ikollok bżonn brejk itwal.

**Fejn nista' nikseb aktar informazzjoni għal dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd?**

**Carers Victoria:** Toffri gruppi ta' sapport għal dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd, pariri għal dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd, riżorsi b'xejn bħal m'hu kit ta' informazzjoni mimli pariri dwar kura fid-dar b'lingwi komunitarji, taħriġ u informazzjoni.

Ikkuntattja lil Commonwealth Carer Resource Centre 1800 242 636 (telefonata b'xejn waqt il-ħin tax-xogħol)

**Fejn nista' nikseb aktar informazzjoni?**

**Seniors Information Victoria:** Jistgħu jkunu kkuntattjati 1300 13 50 90.
Jekk tkun trid interpretu, is-servizz jista' jorganizza wieħed biex jgħinek b'dak li trid tkun taf.

*home and community care*

A JOINT COMMONWEALTH AND STATE/TERRITORY PROGRAM PROVIDING FUNDING AND ASSISTANCE FOR AUSTRALIANS IN NEED

Maltese

**Kura fid-Dar u Komunitarja (Home and Community Care) (HACC)**

Il-Programm ta' Kura fid-Dar u Komunitarja (HACC) jipprovdi varjeta' ta' servizzi ta' sapport bażiċi lil nies anzjani fraġli u nies b'diżabbiltajiet li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet biex jimmaniġġaw ix-xogħol tagħhom ta' kuljum imma li jkunu jixtiequ jibqgħu jgħixu fid-dar. Il-Programm joffri wkoll sapport lil dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd u lill-familji.

Il-Programm ta' HACC jikkonċentra s-servizzi tiegħu għal dawk li jkollhom l-aktar bżonnhom u/jew ikunu jistgħu jibbenifikaw l-aktar mis-servizzi. Aġenziji li jipprovdu servizzi jassessjaw il-bżonnijiet tiegħek u jipprovdulek l-informazzjoni dwar l-għażliet tiegħek. Wara l-assessjar, aġenziji jiddeċiedu x'servizzi jistgħu jkunu allokati għalik. Huwa importanti li tifhem li f'ħafna postijiet hemm ħafna aktar nies iridu s-servizzi milli hemm servizzi disponibbli. Hija r-responsabbilta' ta' l-aġenziji li jiżguraw li s-servizzi jkunu allokati b'mod ġust u fuq il-bażi ta' bżonn.

Is-servizzi ta' HACC huma pprovduti minn kunsilli lokali, ċentri tas-saħħa komunitarji u xi organizzazzjonijiet komunitarji nklużi organizzazzjonijiet Aboriġinali u speċifikament etniċi.

**X'tip ta' għajnuna jista' jkolli fid-dar tiegħi?**

- Persuna li tieħu ħsieb id-dar tista' tiġi fid-dar tiegħek biex tgħinek fit-tindif, fil-ħasil tal-ħwejjeġ, xiri u tisjir. *(Kura fid-Dar)*

- Persuna li tieħu kura personali tiegħek tista' tiġi fid-dar tiegħek biex tgħinek tieħu xawer, tibles u tiekol. *(Kura Personali)*

- Voluntier jew ħaddiem mill-Kunsill jew minn aġenzija oħra tas-servizzi ta' l-ikel jista' jġieblek ikel lest jew kemm isaħħnu mill-ġdid fid-dar tiegħek jew kultant f'post komunitarju *(Ikel li Jitwassal id-Dar u Ikel Ibbażat f'Ċentru)*

- Ħaddiem li jagħmel manutenzjoni fid-dar jista' jgħin b'xogħol ħafif madwar id-dar tiegħek biex tittejjeb is-sigurta' tiegħek bħal jinstalla poġġamani, jibdel il-bozoz tad-dawl u jiċċekkja l-alarms tad-duħħan. *(Manutenzjoni tal-Propjeta')*

- Ners irreġistrata tkun tista' tipprovdi parir dwar problemi ta' l-immaniġġar tas-saħħa bħal dijabete, inkontinenza u artrite. *(Nersing)*

- Voluntier ittrenjat ikun jista' jagħmillek żjara fid-dar tiegħek biex jgħaddi ftit ħin miegħek. *(Koordinazzjoni ta' Voluntiera)*

- Tista' tkun ikkonnettjat ma' nies oħrajn biex titħaddet regulari fuq it-telefon. *(Telelink)*

**X'tip ta' għajnuna tista' tinkiseb fil-komunita' tiegħi?**

- *Gruppi ta' Attivitajiet Ippjanati* huma mfassla biex jgħinuk tgħix tajjeb u attiv. Attivitajiet jinkludu li tieħu sehem f'eżerċizzji ta' attivita' fiżika (pereżempju taħriġ fis-saħħa, gruppi li jmorru jimxu, tai chi, aqua-aerobics), arti u snajja, żfin u programmi ta' rilassament, titkellem ma' ħbieb u tieħu parir dwar nutriment, saħħa u biex tħossok tajjeb.

- Professjonist tas-saħħa relatata jista' jagħtik parir u kura f'dak li għandu x'jaqsam ma' problemi li jista' jkollok b'moviment (*Occupational and Physiotherapy)*, kura tas-saqajn/mixi (*Podiatry)*, dieta (*Dietetics*), biex titkellem u tikkomunika *(Speech Pathology).*

**Inkun nista' nikseb is-servizzi ta' HACC?**

Jista' jkollok aċċess għas-servizzi ta' HACC jekk int:

- Fraġli u għandek diffikulta' biex tagħmel l-affarijiet kollha li jkollok bżonn tagħmel fid-dar biex tkun tista' tibqa' tgħix mingħajr periklu u indipendenti; jew

- Tieħu ħsieb persuna tal-familja b'diżabbilta' moderata għal severa

Inti, it-tabib tiegħek, membru tal-familja jew ħabib/a tista' tikkuntattja l-kunsill lokali tiegħek, ċentru tas-saħħa komunitarja jew organizzazzjoni komunitarja etnika biex tistaqsi dwar is-servizzi ta' HACC. Qabel tkun tista' tirċievi servizz ta' HACC, il-ħaddiema jiddiskutu miegħek u jiddeterminaw jekk intix eliġibbli. Jekk tkun eliġibbli ħaddiem ta' l-assessjar jiġi u jkellmek dwar x'tip ta' għajnuna jista' jkollok bżonn u x'għajnuna tista' tinkiseb.

**Ikolli nħallas għal servizz ta' HACC?**

Il-biċċa l-kbira tas-servizzi jiċċarġjaw miżata. Kemm iddaħħal flus u kemm tista' tħallas ikunu ikkunsidrati. Tingħata konsiderazzjoni speċjali lil dawk b'finanzi limitati.